# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70

Data tal-laqgħa: 31 ta' Ottubru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

70.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

70.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 69. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

70.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier SG, il-minuti ġew approvati.

## 70.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

70.3.1 Para 69.3.1 – *Speed tables*
Is-SE infurmat li din ser tkun inkluża max-xogħlijiet fi Triq il-Kbira li ser isiru minn IM.

**F'dan il-ħin (4.09pm) daħlet il-Viċi Sindku MLB għal-laqgħa.**

70.3.2 Para 69.3.2 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat li minn Malta ma sibniex nixtru *covers* tal-kulur u għalhekk xtrat wieħed *online.* Jekk hu tajjeb, jinxtraw il-kumplament.

70.3.3 Para 69.3.6
Is-Sindku staqsa dwar jekk it-tabella '*No Road Markings*' minn Triq il-Ferrovija l-Qadima kienitx tneħħiet. Inġibdet l-attenzjoni li hemm tabella oħra fi Vjal De Paule. Is-SE ser tiċċekkja u ser tkun qed tibgħat *reminder* lill-IM jekk għadhom hemm.

70.3.4 Para 69.4.1 – Villa Blackman, Triq l-Imdina
Is-Sindku talab lis-SE biex tibgħat *reminder* għal-laqgħa mal-Perit tal-Kunsill biex jiddiskutu l-proposta ta' *childcare centre*.

70.3.5 Para 69.4.4 - Proposta minn Balzan FC
Is-Sindku talab lis-SE biex niktbu lill-Balzan FC biex jgħaddulna d-dettalji tat-tabelli u jindikawlna l-postijiet ta' fejn jixtiequ li jitwaħħlu dawn it-tabelli biex jindikaw id-direzzjoni għall-*ground* tal-*Football*.

70.3.6 Para 69.12 – *Residential Parking Scheme*
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għal din l-iskema saret u għadna qed nistennew risposta.

## 70.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

70.4.1 Toroq li ser jsiru minn IM
Is-Sindku qal li IM infurmawna li, minn għada 1 ta' Novembru 2023, se jibdew ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni ta' Triq Sisner, Triq Ġulju Cauchi u Triq San Franġisk. Is-Sindku qal lir-residenti tat-toroq ikkonċernati ġew infurmati permezz ta' ittra.

70.4.2.1 Triq il-Kbira
Is-Sindku infurma li saret laqgħa mal-Perit ta' IM u l-kuntrattur li se jagħmel it-triq, speċifikament dwar il-problema ta' *flooding* li jkun hemm kull meta tagħmel ix-xita fil-parti ta' bejn il-Pjazza u Triq il-Providenza. Is-Sindku xtaq jiddikjara li fiż-żona msemmija hemm qariba tiegħu milquta minn din il-problema, fost numru ta' residenti oħra.

70.4.2.2 Is-Sindku qal li l-Perit ta' IM issuġġerixxa li ninfurmaw lill-*Coastal and Stormwater Unit* (CSU) fi ħdan il-Works Department b'din il-problema peress li huwa kważi impossibbli li jinbidlu l-livelli tat-triq.

70.4.2.3 Saret laqgħa mas-CSU fejn attendew is-SE u l-Kunsillier AG. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier AG talli attenda fl-assenza tiegħu. CSU ssuġġerew li jsiru *water culverts* fit-triq li jiġu mqabbda mal-*culverts* tan-NFRP li hemm fejn Costa Coffee. CSU infurmawna li m'għandhomx fondi biex isir dan il-proġett. Però offrew l-għajnuna tagħhom biex jiġu ppreparati l-pjanti neċessarji.

70.4.2.4 Is-SE infurmat b'dan lill-IM u talbet dwar il-possibbiltà li jinkludu dan il-proġett max-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni tat-triq. Qalet ukoll li qed iġġib xi kwotazzjonijiet biex isir *topographical survey* tat-triq. Dan is-*survey* ġie mitlub mis-CSU biex ikunu jistgħu jippreparaw il-pjanti neċessarji u se jiġi ffinanzjat mill-Kunsill. Is-SE ser tkun qed tgħaddi l-kwotazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill mal-għeluq tas-sejħa.

70.4.2.5 Il-Kunsillier SG fakkar dwar is-*central strip* li hemm f'Wied Ħal Balzan k/m Triq il-Kbira, peress li qed iżżomm l-ilma. Is-SE ser tibgħat *reminder* lill-Perit.

70.4.3 Ittri li rċevew xi residenti fi Triq it-Tliet Knejjes

Is-Sindku infurma li numru ta' residenti irċevew ittra minn stabbiliment fejn qed jinfurmhom bil-proposta tiegħu ta' bidla fit-triq. Ġie rrimarkat li l-Kunsill ma rċieva l-ebda notifika dwar dan. Is-Sindku ser jgħaddi d-dettalji tal-ittra sabiex niċċekkjaw dwarha u possibbilment issir laqgħa mar-residenti.

## 70.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

70.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 70.6 Rapporti

70.6.1.1 Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Settembru 2023

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Settembru 2023. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

70.6.1.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

70.6.2 *Tender for the Services of a Contracts Manager for the Ħal Balzan Local Council* – BLC 06/2023

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 06/2023. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-irħas offerta ta' Yama Yami Ltd u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvati. Ser issir laqgħa mal-kuntrattur il-ġdid qabel ma jibda jgħati s-serivzz.

## 70.7 Skemi Finanzjarji

70.7.1 Ċirkulari Nru SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati

Is-SE infurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet approvata u l-Kunsill ser jibbenefika mis-somma ta' €6,203.31. Is-somma mitluba kienet €10,838.64. Il-Kunsill qabel li d-differenza jinħarġu mill-fondi tal-Kunsill.

70.7.2 Skema maħruġa mill-MTA – Tiżjin tal-Milied

Is-SE infurmat li, bħas-snin preċedenti l-Kunsill ser ikun qed jibbenefika mis-somma ta' €3,000 biex jintużaw għat-tiżjin ta' toroq għal żmien il-Milied.

70.7.3.1 Skema Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Milied 2023

Ġiet innutata Skema Finanzjarja fejn ir-Reġjun qed jalloka l-ammont ta' €10,000 biex jintużaw għal attivitajiet u tiżjin għal żmien il-Milied.

70.7.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li japplika għal:

1. Kumplament tal-ispiża għat-tiżjin ta' toroq għal żmien il-Milied - €2,040
2. Ponsiettas għar-residenti - €500
3. Tiżjin tal-Pjazza bid-dwal tal-Milied - €850
4. Il-kumplament ser jiġu allokati għall-attività tal-10 ta' Diċembru 2023 (€6,610)

70.7.4 Skema Finanzjarja - Għajnuna lill-NGOs

Is-SE fakkret lill-Kunsill bl-iskema Finanzjarja (€3K) biex tassisti lill-NGOs fil-lokalità. Se jsir kuntatt mal-Balzan FC biex tiġi esplorata l-possibilità li tiġi organizzata xi *sports day*.

## 70.8 *Traffic Management* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

70.8.1 Is-SE infurmat li l-perjodu ta' prova għadda u l-Kunsill irid jieħu deċiżjoni. Ġie nnutat li kien hemm *feedback* pożittiva ħafna mir-residenti u f'dan ir-rigward il-Kunsill unanimament approva li Triq il-Ferrovija l-Qadima tibqa' *one-way* (direzzjoni lejn Vjal De Paule) b'mod permanenti.

70.8.2 Issemma li għad baqa' xi wħud li mhux josservaw it-tabelli tal-*one-way* u għalhekk ser nitolbu għal infurzar.

70.8.3 Issemma wkoll li hemm periklu kbir kif toħroġ għal Vjal De Paule peress li m'hemmx sinjali fl-art. Apparti minn hekk qed jagħmlu *u-turns* li qed iżid il-periklu. Is-SE infurmat li intbagħtu diversi *emails* dwar dan peress li qed ikun hemm diversi aċċidenti tat-traffiku, però s'issa ma sar xejn. Is-Sindku talab li nibgħatu *email* lis-Sur Jonathan Borg (CEO ta' TM) biex ninfurmawh b'dan il-periklu. Fl-*email* se jiġi ikkupjat il-Ministru Aaron Farrugia u l-Kunsilliera.

**F'dan il-ħin (5.00pm) il-Kunsillier AG talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

70.8.4 Is-Sindku semma li qed jiżdiedu t-talbiet li Triq il-Kannizzata (l-parti ta' fuq) issir *one-way* ukoll. Din it-talba ser tiġi diskussa kif titlesta Triq San Franġisk.

## 70.9 Għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

70.9.1 Is-Sindku infurma li tkellem ma' dik il-persuna li kien infurmana li jista' jgħin lill-Kunsill. Is-Sindku qal li din il-persuna jixtieq jgħin fi proġetti fil-lokalità u mhux speċifikament fl-għalqa. Is-Sidku flimkien mal-Kunsillier SG ser ikunu qed jiltaqgħu miegħu għal aktar informazzjoni fuq il-proposta.

70.9.2 Fuq il-proposta l-ġdida tal-għalqa, ġew innutati l-pjanti ġodda ppreparati mill-Perit. Il-Kunsill iddiskuta u unanimament approva dawn il-pjanti.

70.9.3 Is-SE infurmat li l-Perit issuġġerixxa li nilħqu napplikaw ukoll għall-permess mal-PA. Dan sabiex ikollna kollox ippreparat għal meta toħroġ skema ġdida minn Projects Green.

70.9.4 Ġie diskuss il-fatt li l-Kunsill diġà nefaq eluf ta' Ewro fuq pjanti u applikazzjoni (Projects Green) għalxejn għax it-talba ġiet rifjutata. Applikazzjoni u BOQs ġodda ser jammontaw eluf kbar ta' Ewro. Il-Kunsill iddiskuta u unanimament qablu li jmexxu bl-applikazzjoni għall-proposta l-ġdida.

70.9.5 Is-Sindku semma l-problema ta' rimi ta' skart illegali madwar il-B-I-S, fejn qal li hemm skart li ilu hemm. Is-Sindku qal li ftit taż-żmien ilu kien tkellem mal-kuntrattur tal-ġbir ta' skart dwar din il-problema, fejn qallu li hu ma jistax jiġbor boroż meta skart ma jkunx separat u jista' jiġi mmultat. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir laqgħa mal-kuntrattur biex tiġi diskussa din il-kwistjoni. Apparti minn hekk ser niċċekkjaw mal-*Cleansing Department* dwar jekk joffrux servizz ta' tindif ta' dan it-tip.

## 70.10 Attivitajiet għal żmien il-Milied

70.10.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attività li qed tiġi ppjanata għall-Ħadd, 10 ta' Diċembru 2023, fil-bandli għal żmien il-Milied. Il-Kunsill alloka l-kumplament tal-fondi li jibqa' mill-iskema maħruġa mir-Reġjun Tramuntana għal din l-attività u b'hekk issa tista' ssir fuq skala naqra akbar.

70.10.2 Reġgħet ġiet innutata *email* mingħand *events organiser* dwar avvenimenti li jistgħu jiġu organizzati għal żmien il-Milied. Kien hemm qbil li nibbukkjaw mal-*events organiser:*

- *Gospel Choir* - kor u *band* komplut mill-11am sa n-12pm; u
- *Ta' Verna Fold Band – full band* minn-12pm sas-2pm.

70.10.3 Apparti minn hekk se jkun hemm *Father Christmas* u *Bouncy Castle*. Se nġibu kwotazzjonijiet tas-*sound* għal din l-attività u ser nistiednu lill-għaqdiet tar-raħal biex jekk huma interessati jarmaw *stand* waqt l-attività.

## 70.11 Dħaħen tossiċi fl-arja

70.11.1 Is-Sindku semma l-*issue* li tikkonċerna l-impjant tal Bitmac li qiegħed fil-periferija tal-Iklin. Is-Sindku qal li ġie ffurmat grupp li qed jimbotta biex dan l-impjant jiġi kkontrollat,, irregolat jew magħluq. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Iklin ikkommessjona A*ir Quality Monitoring Report.* Minn dan ir-rapport ħareġ li hemm problemi fil-kwalità tal-arja fl-Iklin, però mhux neċessarjament attribwibbli għal dan l-impjant. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li formalment nappoġġjaw lill-Kunsill Lokali tal-Iklin fil-kampanja li qed jagħmel.

## 70.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

70.12.1 Kwotazzjonijiet għat-tħawwil ta' pjanti
Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' Mark Taliana Gardening għat-tħawwil ta' pjanti fis-central strip ta' Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal.

70.12.2 Kwotazzjonijiet għall-installazzjoni ta' *CCTV camera* fil-*playing field*
Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' Alarmtech Ltd għall-installazzjoni ta' *CCTV camera* ġdida fil-*playing field*. Din se tkopri l-parti tal-passaġġ li jgħatti għall-latrina, li ma jinqabadx bil-*cameras* li diġà hemm.

70.12.3 Ilmenti fuq imwejjed u siġġijiet
Is-SE infurmat li qed nirċievu diversi ilmenti dwar is-sitwazzjoni tal-imwejjed u s-siġġijiet li qed jinħarġu minn diversi stabbilimenti, fejn qed jiġi ostakolat l-aċċess tal-bankina. Ġie nnutat li il-Kunsill ma jistax jagħmel infurzar. Bħala Kunsill ta' sikwiet ninfurmaw lill-Community Police dwar din il-problema. Kien hemm qbil li nibgħatu dan l-ilment lill-Għassa ta' Birkirkara.

70.12.4 Ismijiet ta' toroq
Resident qed jerġa' jissuġġerixxi li jinbidlu l-ismijiet ta' tliet toroq (Triq l-Għerusija, Triq il-Karenza u Triq il-Paguni). Kif kien maqbul f'laqgħat preċedenti, ser niktbu lir-residenti tat-toroq ikkonċernati biex ninfurmawhom b'dan is-suġġeriment u jinfurmawna jekk għandhom oġġezzjoni. Il-Kunsillier ONDG ser jipprepara l-ittri se jipprepara l-ittri sabiex inkunu nistgħu nibgħatuhom lir-residenti.

70.12.5 Talba għal *road markings* ġodda fl-entratura ta' Sqaq Nru. 1. Triq il-Kbira
Resident qed jitlob li jsiru *road markings* fl-entratura tal-isqaq għax qed jiġi ostakolat l-aċċess bil-vetturi li qed jipparkjaw. Din it-talba ġiet approvata u ser japplika għal permess ma' TM.

70.12.6 *Speeding* fi Triq l-Annunzjata
Is-Sindku qara *email* mibgħuta minn resident fejn qed jitlob li jitwaħħlu xi tabelli peress li vetturi qed jgħaddu b'veloċità minn Triq l-Annunzjata. Il-Kunsill iddiskuta u approva li jiġu installati tabelli *'Residential Priority Area Drive Slowly'* fi Triq Sigismondo Dimech k/m Triq Balaguer u fi Triq Dun Gwann Zammit Hammet k/m Triq Sigismondo Dimech.

## 70.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

70.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 10/23, li tinkludi l-ammont ta' €187.46c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Settembru 2023.

70.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku MLB li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 70.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

70.14.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.45pm.

70.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 21 ta' Novembru 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 21 ta' Novembru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |